5 ta' Marzu, 1956

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;***
**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Neg. Victor A. La Rosa *versus* Neg. Carmelo Borg

**Konkorrenza Sleali — Frode Kummerċjali — Danni — Art. 36, 40 u 41 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Il-liġi tipprovdi biss il-forom l-aktar soliti ta' konkorrenza sleali, u mhix leċita l-estensjoni ta' dawk il-każijiet għal każijiet oħra mhux preveduti mill-liġi; għax il-każijiet ta' konkorrenza sleali msemmijin fil-liġi huma tassattivi, billi huma veri u proprji delitti kummerċjali li jagħtu lok għal konsegwenzi serji ħafna.*

*Fost dawk il-każijiet mhux prevedut dak ta' min jintroduċi f'suq, għall-bejgħ fl-istess suq, merkanzija tal-istess ditta li tagħha,*

*f'dak is-suq, ħadd ieħor ikun l-aġent jew rappreżentant. U għalhekk aġir simili mhux konkorrenza illeċita skond il-liġi kummerċjali tagħna.*

*Aġir simili lanqas jikkostitwixxi frode kummerċjali; għaliex frode u konkorrenza illeċita f'din il-materja huma ħaġa waħda; u għalhekk lanqas jirrendi responsabbli ta' danni lil min jikkommetti aġir simili. Jekk ikun il-każ li dak l-aġir jikkaġuna xi dannu lill-aġent jew rappreżentant tad-ditta estera, dan għandu jaraha mad-ditta estera li tipproduċi dik il-merkanzija, jekk dik id-ditta tkun ikkonċedietlu l-esklużività għad-dħul ta' dik il-merkanzija f'dawn il-Gżejjer.*

*Għax hu elementari li, biex wieħed jiġi ritenut responsabbli ta' danni, hemm bżonn li jkun ipprovoka dawk id-danni permezz ta' att illeċitu; mentri l-aġir fuq imsemmi, ladarba mhux kompriż fost l-atti li l-liġi tenumera bħala każi ta' konkorrenza illeċita, mhux att illeċitu.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li biħ l-attur, wara li ppremetta illi huwa r-rappreżentant u l-"buying agent" tad-ditta ċzekoslovakka "Centrotex", ġa "Svit", ġa "Bata", għall-prodotti tagħha; u li reċentement il-konvenut introduċa f'Malta, biex ibiegħhom f'dan is-suq, kwantità ta' kalzaturi tal-istess ditta; u li dana l-att tal-konvenut jikkostitwixxi frode kummerċjali u konkorrenza sleali għad-dannu tiegħu; talab illi l-istess konvenut jiġi dikjarat kolpevoli ta' frode kummerċjali u konkorrenza sleali, u responsabbli għall-pagament tad-danni, likwidabbli f'ġudizzju separat. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tat-23 ta' Novembru 1954;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti *fis-27* ta' Ottubru 1955, li biha ġew respinti t-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi l-attur jippretendi — hekk kiteb fl-att taċ-ċitazzjoni — li l-konvenut hu ħati lejħ ta' konkorrenza sleali u frode kummerċjali, billi "reċentement introduċa f'Malta kwantità ta' kalzaturi tal-istess ditta li tagħha huwa rappreżentant u "buying agent" lokali";

Illi l-konkorrenza illeċita hija dixxiplinata fl-Ewwel Taqsima, Titolu Tnejn, Sub-Titolu Tlieta, tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Liema subtitolu ġie meħud mill-Proġett tal-Kodiċi tal-Kummerċ li kien għamel Vivante;

Illi dik il-liġi pprovdiet biss il-forom l-aktar soliti ta' dik il-konkorrenza; iżda mhix leċita l-estensjoni għal każijiet oħra oltre dawk preveduti. Il-każijiet ta' konkorrenza sleali msemmijin mill-liġi fuq indikata huma tassattivi, għaliex trattasi ta' veri u propriji delitti kummerċjali li jagħtu lok għal konsegwenzi serji ħafna;

Illi fost dawk il-każi preveduti mill-liġi ma jinstabx dak indikat mill-attur — l-introduzzjoni f'suq, għall-bejgħ fl-istess suq, ta' merkanzija tal-istess ditta li tagħha, f'dak is-suq, ħadd ieħor ikun l-aġent jew ir-rappreżentant. Għal-hekk l-aġir li ġie attribwit lill-konvenut mhux, skond il-liġi kummerċjali tagħna, konkorrenza illeċita;

Illi inoltre l-attur, meta kkwalifika bħala konkorrenza sleali l-aġir tal-konvenut, semma wkoll illi dak l-aġir jikkostitwixxi frode kummerċjali. Jekk il-ħsieb tiegħu, meta għamel hekk, kien dak li jibbaża l-azzjoni tiegħu wkoll fuq l-aġir doluż tal-konvenut bħala raġuni oħra differenti u distinta mill-konkorrenza sleali, dana ma jistax isir; billi f'materja ta' konkorrenza bejn kummerċjanti, dina l-lum, li hija dixxiplinata mill-liġi, ma tistax tiġi ammessa ħlief meta tkun l-effett ta' aġir doluz li jkun jirrivesti xi waħda mill-forom previsti mill-leġislatur, ġa ladarba dawn il-forom ġew tassattivament previsti, u kwindi frode u konkorrenza illeċita huma f'din il-materja ħaġa waħda. Ikun hemm konkorrenza sleali meta l-konkorrenza ssir b'dawk il-forom ta' frode li l-leġislatur ippreveda u tassattivament indika bħala tali li jirrenduha illeċita; u allura, fin-nuqqas ta' dawk il-forom, il-konkorrenza ma tkunx illeċita, u kwindi tkun leċita; u allura min jagħmilha, leċitament għax mhix skond il-liġi illeċita, ma jistax jiġi miżmum responsabbli għall-konsegwenzi li jidderivaw minnha;

Di più, għalhemm hu veru li skond il-prinċipji ġenerali kullħadd hu responsabbli tad-danni li jikkaġuna kolpożament jew dolożament — hekk jingħad fis-sentenza ta'

din il-Qorti tal-4 ta' Mejju 1950, in "Darmanin vs Cachia", (Kollez. Vol. XXXIV-III-806), ċitata mill-attur, iżda, f'tema ta' konkorrenza bejn kummerċjanti, peress li din il-materja tinsab il-lum dixxiplinata mill-liġi kummerċjali, dawk il-prinċipji stabbiliti mill-liġijiet tagħna ċivili għandhom jiġu applikati kif u safejn applikathom il-liġi kummerċjali meta ġiet biex tiddixxiplina u tippunixxi l-kolpa u d-dolo f'dik il-materja, u għalhekk stabbiliet tassattivament il-każijiet ta' dolo jew kolpa punibbli, peress li jirrendu illeċita dik il-konkorrenza;

Barra minn dawk il-każijiet, il-konkorrenza mhix illeċita: u, kif ġa ngħad, min jagħmel att li mhux illeċitu mhux responsabbli għall-konsegwenzi li minn dak l-att jidderivaw. Inveru, qabel ma kellna dik il-liġi, it-tribunali tagħna kienu jirrikorru, biex jiddeċidu jekk il-konkorrenza kienetx leċita jew illeċita, appuntu għall-imsemmijin prinċipji ġenerali, stabbiliti, kif ingħad, fil-liġijiet tagħna ċivili f' materja ta' delitti u ta' kważi-delitti, speċjalment għal dawk stabbiliti fl-art. 737, 738, u 739 tal-Ordinanza nru. VII tal-1868, il-lum art. 1074, 1075 u 1076 tal-Kodiċi Ċivili. Però, kif kien jgħallem il-Professur Carlo Mallia, meta kien l-ordinarju tal-kattedra tad-Dritt Kummerċjali fl-Università tagħna (Note di Diritto Commerciale Maltese), dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi ċivili ma kienux jirriżolvu d-diffikultajiet li kienu jqumu u l-inċertezzi li kienu jibqgħu meta wieħed kien jiġi biex jistabbilixxi meta preċiżament kummerċjant li jkun għamel konkorrenza jkun f'kolpa tali li jkollu jirrispondi għad-danni, liema huma dawk il-ħwejjeġ li neguzjant ma jistax skond il-liġi jagħmel jew ma jagħmelx mingħajr ma jassumi r-responsabbiltà tad-danni li jidderivaw. Dawn l-inċertezzi, jingħad fl-imsemmijin Noti, ġew kolmati mill-liġi viġenti, li pprevediet u ppuniet il-varji forom kollha li fihom l-aktar ordinarjament hija solita li timmanifesta ruħha l-konkorrenza sleali — "tutte le forme varie in cui più d'ordinario suol manifestarsi la concorrenza sleale";

Il-frode, id-dolo, f'tema ta' limitazzjoni tal-iżvolġiment liberu tal-attivita' ta' kummerċjant, hija dik —

wara l-introduzzjoni fil-liġi kummerċjali tar-regoli dixxiplinanti l-materja — li tieħu waħda mil-forom imsemmijin mill-liġi; u billi, kif ġa ngħad, l-aġir attribwit lillkonvenut ma jirrivesti l-ebda waħda minn dawk il-forom, ma tistax tiġi ravviżata fiħ frode fl-eżerċizzju tal-attività tiegħu. Il-konkorrenza li għamel mhix illeċita, għaliex mhix dikjarata mill-liġi, u kwindi hija leċita, u jekk hi leċita jista' jagħmilha. Jekk hu l-każ li l-attur sofra danni bl-introduzzjoni f'dawn il-Gżejjer tal-merċi fuq riferita, dana jaraħ mad-ditta estera li tipproduċi dik il merċi, jekk ikkonċedietlu, kif jidher li jippretendi, l-esklużività għal-dħul tagħha fl-istess Gżejjer;

Rat in-nota tal-appell tal-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġi deċiż għad-tenur tad-domandi tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi irriżulta mill-provi li l-attur appellant huwa r-rappreżentant lokali tad-ditta ċekoslovakka "Centrotex", magħrufa fis-suq bħala "Bata". Il-konvenut kien ilu żmien jakkwista minn għand l-appellant prodotti, jiġifieri żraben, ta' dik id-ditta; iżda minn xi tliet snin 'l hawn huwa beda jakkwista l-istess merċi minn għand ħadd ieħor, u partikolarment minn għand id-ditta "Alfred Mizzi & Sons". Skond kif xehed il-konvenut, mingħajr ma ġie kontradett (fol. 15), importaturi oħra f'Malta ta' żraben tad-ditta estera fuq imsemmija huma Incorvaja u d-ditta "Frendo & Sons";

Ikkunsidrat;

Illi l-pretensjoni tal-appellant hija li, billi hu l-aġent esklużiv għal Malta tal-prodotti tad-ditta estera fuq imsemmija, il-konvenut ma setax jakkwista dawk il-prodotti importati f'Malta per mezz ta' ħadd ieħor, u għalhekk b'dan l-għemil tiegħu huwa rrenda ruħu ħati ta' konkorrenza sleali u frode kummerċjali, u għandu jirrispondi għad-danni konsegwenzjali;

Ikkunsidrat;

*Illi minn noti tal-appellant fil-fol. 15 u 22 tal-proċess,* huwa leċitu li wieħed jiddeżumi li l-azzjoni tiegħu hi bażata fuq l-art. 36 u 40 tal-Kodiċi Kummerċjali (Kap. 17), u li d-danni minnu reklamati huma dawk previsti fl-art. 41 tal-istess Kodiċi. Il-liġi tagħna fuq imsemmija, fl-art. 36 u 40, tenumera l-atti ta' konkorrenza illeċita, u l-każijiet hemm kontemplati huma tassattivi, u għalhekk ma tapplikax ir-regola estensiva tal-"ejusdem generis" (Vol. XXVIII-III-1159); Vol. XXXIV-III-806; u Kumm. 7 ta' *Mejju 1934 in re "Camilleri vs. Bonnici"). Fost dawk il-*każi mhux kompriż dak mill-appellant addebitat lill-konvenut, jiġifieri tal-introduzzjoni fi pjazza, għall-bejgħ fl-istess pjazza, ta' merkanzija tal-istess ditta, li tagħha, f'dik il-pjazza, l-aġent jew ir-rappreżentant ikun ħadd ieħor. Konsegwentement ma jistax jiġi ritenut li l-konvenut b'xi mod, mħabba l-għemil tiegħu fuq indikat, jinsab tenut skond id-dispożizzjoni tal-imsemmi art. 41, billi ma jistax jiġi lilu attribwit ebda att ta' konkorrenza illeċita previst mill-liġi;

Ikkunsidrat;

Illi fl-att taċ-ċitazzjoni l-appellant jallega li l-konvenut huwa ħati versu lejħ ta' "konkorrenza sleali" u "frode kummerċjali"; u għalkemm fl-imsemmijin noti fil-fol. 15 u 22 dawk il-frażi jinsabu użati promiskwament u fis-sens ta' sinonimi, fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti pprova jiddistingwihom, billi ssottometta li, indipendentement mill-każ ta' konkorrenza illeċita, jista' jikkompeti lilu d-dritt għad-danni skond id-dritt komuni, jekk jirriżulta fl-għemil tal-konvenut dolo jew frode għad-dannu tiegħu. Iżda, apparti konsiderazzjonijiet oħra kontenuti fis-sentenza appellata, huwa elementari li, biex wieħed jista' jiġi ritenut responsabbli għad-danni, hemm bżonn li jkun ipprovoka dawk id-danni per mezz ta' att illeċitu, billi "qui suo jure utitur non videtur damnum facere" — prinċipju rikonoxxut mid-dispożizzjoni tal-art. 1073 tal-Kodiċi Ċivi-

li. Fil-każ in eżami ebda fatt illeċitu ma jista' jiġi addebitat lill-konvenut; mhux biss għax dak li għamel ma jammontax għal konkorrenza illeċita, iżda wkoll għaliex, kif ġie affermat mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re fis-17 ta' April 1925, in re "Gauci Agius vs. Fenech", konfermata minn din il-Qorti fis-26 ta' Gunju 1925 b'adozzjoni tal-motivi (Vol. XXVI-III-551), "per regola generale, la concessione della esclusività per la importazione di una merce sotto una determinata marca di fabbrica o di etichetta non impedisce ai terzi di poter importare la stessa merce, purchè genuina, sotto la stessa etichetta o marca. Quando pero la etichetta porta il nome di colui che ha l'esclusività, l'importatore è libero di importare quella merce, togliendo quella parte della etichetta portante il nome del concessionario. Tale esclusivo concessionario non ha un'azione contro l'importatore, ma bensì una azione contro la casa produttrice della merce per violazione del contratto, se tale casa nella vendita all'importatore non ha preso precauzioni per impedire che la merce giungesse nella località ove aveva un concessionario esclusivo";

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet fuq miġjuba, u għal dawk tal-Ewwel Qorti, li huma adottati, l-appell ma jistax jiġi milqugħ;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.